MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Numru. 848/2011

PULIZIJA
SPETTUR YVONNE FARRUGIA
VS
CHARLENE CACHIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Charlene Cachia, ta' 22 sena, bint Paul u Josephine nee' Aquilina, imwielda Pieta' fl-14 ta' Frar 1989, u li toqghod f' 57, Arc-En-Ciel, Triq il-Bronja, Zurrieq. Detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 124389M.

Billi hija akkuzata

1. Talli fil-19 ta' Frar 2011 gewwa l-facilita' *WasteServ Malta Ltd*. Marsa waqt li kienet f'post li fih dahlet

minhabba l-impjieg taghha, ikkommettit serq ta' prodotti tal-marka *Zott* li ghandhom valur ta' aktar minn mitejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu ( €2,329.37); u dan ghad-detriment tas-socjeta' *Wasteserv Malta Ltd*. u *Alf. Mizzi & Sons Ltd*;

2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi approprjat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghall persuna ohra, ammont ta'prodotti tal-marka *Zott* li ghandhom valur ta'aktar minn mitejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu ( €2,329.37), liema prodotti gew fdati lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha jew minhabba depozitu necessaju, u dan ghad-detriment tas-socjeta' *WasteServ Malta Ltd*. u *Alf Mizzi & Sons Ltd* u liema prodotti gew fdati jew ikkunsinjati lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta'htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna il-konfiska ta'oggetti kollha ezebiti.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal-hlas ta'spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputata , sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura somarja;

Semghet l-ammissjoni ta'l-imputata;

Semghet il-konferma ta' l-ammissjoni ta' l-imputata wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghha, il-Qorti issib l-imputata Charlene Cachia hatja tat-tieni akkuza, mhux hatja ta l-ewwel akkuza li hija akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza, u wara li rat Artikoli 293 u 294 u 310 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta, Artikolu 22 tal-Kap 446 tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma' taghmilx reat iehor fi zmien ta' tmintax il-xahar.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-ammisjoni bikrija ta' l-imputata, il-fedina penali nadifa netta taghha u ic-cirkustanzi partikolari tal-kaz, inkluz il-fatt illi l-oggetti mehuda kienu oggetti ta' l-ikel intizi biex jintremew ghaliex kienu gew stivati f'temperatura aktar kiesha minn dik stipulata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------